**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Novembru, 2016**

**Avviz Nru: 270/02 MLF**

**Direttur tas-Sigurtà Soċjali**

**Vs**

**John Bugeja u Mary Rose Bonello**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur – kif emendat b'digriet tat-13 ta' Novembru 2002 - fejn talab li l-konvenuti jiġu kkundannati iħallsuh is-somma ta' tliet elef disa' mija u sitt liri Maltin u tnejn u għoxrin ċentezmu (Lm3906.22), rapprezentanti flus imħallsa lil Frank Bugeja bħala pensjoni kontributorja indebitament għal perjodu bejn it-18 ta' Awwissu 1984 u l-31 ta' Diċembru 1994 stante li huwa naqas li jinforma lid-Dipartiment bil-mewt tal-mara tiegħu f'Awwissu 1984, bil-konsegwenza li baqa' jirċievi l-pensjoni b'rata ta' mizzewweġ u mhux ta' persuna waħda, u liema ammont issa huwa dovut mill-konvenuti bħala l-eredi universali tiegħu.

L-attur talab ukoll il-hlas minghand il-konvenuti tal-imgħax legali mid-data tal-prezenatata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali datata 6 ta' Diċembru 1996, 7 ta' Awwissu 1997, 10 ta' Ġunju 1999 u 31 ta' Lulju 2001.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta Mary Rose Bonnello fejn eċċepiet:

1. Primarjament, it-talba attriċi hija preskritta a tenur tal-artikolu 102(1) (qabel artikolu 105 (1)) tal-Kap 318, u tal-artikolu 1027 tal-Kap 16, (preskrizzjoni ta’ sentejn), b’riserva ta’ preskrizzjoni a tenur ta’ artikoli oħra tal-liġi.

2. Subordinatament, fil-meritu l-attur għandu jagħmel il-prova li kien hemm nuqqas da parti tal-pensjonant, illum mejjet, kif ukoll li kien hemm id-diskrepanza fil-pensjoni.

3. Jekk hemm nuqqas, dan huwa min-naħa tal-attur li faċilment seta’ jkun jaf li mart il-pensjonant mietet mill-att tal-mewt reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, kif ukoll mir-ritorn tal-karta tal-identità, u dan fi zmien utili.

4. Mingħajr preġudizzju għall-permess, l-esponenti ma jista’ jkollha ebda tort dwar dak li sar minn missierha, u għalhekk lanqas ma għandha tħallas ebda imgħax u ebda spejjez tal-kawza.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut – kif korretta b’digriet tal-25 ta’ Gunju 2003 - John Bugeja fejn eccepixxa:

1. Preliminarament li l-azzjoni hija preskritta a’ tenur tal-artikolu 1027 tal-Kap 16;

2. Fil-mertu, t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li Frank Bugeja qatt ma rceva assistenza socjali minghand l-attur.

3. Fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju, l-attur ghandu jaghmel il-prova tal-pagament indebitu lil Frank Bugeja kif ukoll li dana naqas minn xi obbligu legali tieghu.

4. Ghall kull buon fini l-esponenti jassocja ruhu ukoll fl-eccezzjonijietipprezentati mill-konvenuta l-ohra Mary Rose Bonello.

Rat li fis-seduta tal-25 ta’ Gunju 2003[1], din il-Qorti iddifferiet il-kawza ghall-provi tal-partijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ghat-trattazzjoni. Ghaldaqstant, din is-sentenza hija wahda preliminari dwar l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri m’humiex fis-sustanza kontestati bejn il-partijiet, u in succint huma s-segwenti :

1. Frank Bugeja, missier il-konvenuti, kien applika ghal pensjoni kontributorja[2] mad-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali fil-25 ta’ Gunju 1970 fejn indika li huwa mizzewweg lil Maria xebba Naudi. L-applikazzjoni tieghu giet accettata b’ittra tad-19 t’Awwissu 1970. Din l-ittra kienet tinkludi *inter alia* twissija fis-sens illi jekk jigru certi grajjiet indikati fl-ittra kellhom jigu notifikati lill-ufficju in kwistjoni. Fost il-grajjiet imnizzla kien hemm imnizzel *« death of wife.»*[3]
2. Maria Bugeja xebba Naudi, ossia l-mara ta’ Frank Bugeja mietet fis-17 ta’ Awwissu 1984.[4]
3. Frank Bugeja miet fil-15 ta’ Frar 1995,[5] u l-eredi tieghu huma l-konvenuti.
4. Fid-19 ta’ Frar 1996, kienet saret talba mill-konvenuti lid-Dipartiment fis-sens li f’kaz li kien hemm xi bilanc ta’ pensjoni dovuta, din kellha tithallas liz-zewg konvenuti f’isem Noel Bonello, li r-ragel tal-konvenuta Mary Rose Bonello.[6] Ghalkemm il-

[1] Ara verbal a fol. 23 tal-process.
[2] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta’ Adrian Attard a fol. 27 tal-process.
[3] Ara x-xhieda ta’ Adrian Attard a fol. 25 tal-process.
[4] Ara x-xhieda ta’ Adrian Attard a fol. 26 tal-process.
[5] Ara x-xhieda ta’ Adrian Attard a fol. 26 tal-process.
[6] Ara x-xhieda ta’ Adrian Attard a fol. 26 tal-process.

konvenuti jichdu li huma ghamlu din it-talba[7], fl-ewwel lok, il-Qorti ma ghandhix ghalfejn tiddubita mix-xhieda moghtija minn Adrian Attard, ir-rapprezentant tad-dipartiment, li kien qieghed jixhed mill-inkartament tal-file tal-mejjet Frank Bugeja. Fit-tieni lok, il-konvenut John Bugeja xehed li qabel ma miet, missieru, Frank Bugeja, kien diga rcieva cheque u dan ma kienx issarraf u l-konvenuti kienu irritornaw dan ic-cheque.[8] Ghalhekk huwa verosimili li, l-konvenuti meta rritornaw ic-cheque ghamlu wkoll talba lid-Dipartiment, li jekk kien hemm xi bilanc ta' pensjoni dovuta, din tigi mhallsa lilhom.

5. Minn din it-talba tal-konvenuti, d-Dipartiment induna illi meta miet, Frank Bugeja kien armel, u nduna li l-mara tieghu mietet fis-17 ta' Awwissu 1984, u li hu qatt ma kien infurma b'din il-mewt lid-Dipartiment.
6. Konsegwentement, id-Dipartiment baqa' jhallas lil Frank Bugeja il-penjsoni bir-rata ta' ragel mizzewweg, u mhux ta' persuna wahedha. Ghalhekk, id-Dipartiment qed jippretendi minghand il-konvenuti li jirrifonduh l-flus tal-pensjoni imhallsa indebitament lil Frank Bugeja ghal perjodu mit-18 ta' Awissu 1984 sal-31 ta' Dicembru 1994.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Din is-sentenza hija limitata ghall-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti fin-noti ta' eccezzjonijiet rispettivi taghhom tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 102(1) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kapitolu 318) u tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16).

Din il-Qorti se tikkonsidra l-ewwel l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili.

*L-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni taht l-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili* :

L-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili jippreskrivi hekk:

[7] Ara x-xhieda ta' Mary Rose Bonello a fol. 53 tal-process kif ukoll ix-xhieda ta' John Bugeja a fol. 50 tal-process.
[8] Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' John Bugeja a fol. 50 tal-process.

*« L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, <u>meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-disposizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni</u>, taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Id-Direttur attur qed jissottometti li dan l-Artikolu mhux applikabbli ghal kaz odjern, in vista ta' dak li jippreskrivi l-Artikolu 2115(2) tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu jippreskrivi hekk: "*Iżda, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tingħata kontra jeddijiet u azzjonijiet li jmissu lill-Gvern ta' Malta, ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 2149, 2153, 2154, 2155 u 2156*." Huwa jissottometti li dan l-Artikolu 1027 mhux wiehed mill-Artikoli imsemmija fl-Artikolu 2115(2), u konsegwentement l-preskrizzjoni fl-Artikolu 1027 hi eskluza fl-Artikolu 2115(2), u ma tistghax tinghata kontra l-Gvern.

Min-naha l-ohra, il-konvenuti jissottomettu li l-Artikolu 2115(2) ma hux applikabbli ghal-kaz odjern, invista ta' dak li jippreskrivi l-Artikolu 2116 tal-Kodici Civili, li jippreskrivi hekk: *"Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu jghoddu f'kull kaz li ghalih ma jkunx ipprovdut xort'ohra f'partijiet ohra ta' dan il-Kodici jew f'ligijiet ohra."* Huma jissottomettu illi huwa car li l-Artikolu l-Artikolu 1027 li jinsab *"f'partijiet ohra ta' dan il-Kodici"* jghodd ukoll kontra l-Gvern, la darba ma jinsabx fl-istess Titolu tal-Kodici Civili tal-Artikolu 2115 u la darba hemm provdut xort'ohra f'Kapitolu iehor, il-Kapitolu 318 (l-Att dwar is-Sigurta Socjali).

Kwistjoni identika giet deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fid-9 ta' Gunu 1951, fl-ismijiet **Onorevoli Edgar Cuschieri O.B.E. et vs Lorenzo Baldacchino**.[9] F'din is-sentenza, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili irriteniet hekk:
*"Illi, kif jidher mill-kummenti ghall-art. 1879 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, korrispondenti ghall-art. 2220* (illum 2115) *tal-Kodici Civili, Kap 23 tal-Lijiet ta' Malta, ta' Sir Adrian Dingli dwar il-paragrafu jew subsezzjoni, fejn hemm mahsub li ma tistax tinghata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kontra l-jeddijiet u azzjonijiet tal-Kuruna, salvi l-eccezzjonijiet hemm immsemmija, kif ukoll dawk mahsuba taht l-artikolu 2221* (illum 2116) *tal-Kodici Civili in vigore, dik id-disposizzjoni ssib l-eruq taghha fid-Dritt Ruman, u precizament fl-Istituzzjonijiet, Liber II, Titolu VI, para 9, fejn jinghad li: "Res fisci nostril usucapi non*

---

[9] *Per* Imhallef A. V. Camilleri, Vol. XXXV-II-431.

*potest", u fil-Kodici "Communia de Usucaptionibus" Liber VII, Titolu XXX, Lex 2 (ara Brunemanni "commentaries ad Codicem" Vol. 2, pag. 28, Laurenti ex typis Fraterum Rossi Ed forum, 1843). B'mod li l-ligi taghna "in subjecta materia" ma segwietx la l-Kodici Franciz u lanqas il-Kodici Taljan (ara Appell 4 ta' Ottubru 1935 in re "Giuseppe Galea u ohrajn vs Paolo Gauci u ohrajn", Volum XXIX. P I, pag. 279;*

*Illi bl-avveniment tad-Dominanza Ingliza u bic-cessazzjoni tal-prerogativa dipendenti mill-voler arbitrarju tas-Sovran, Sir Thomas Maitland, biex jassikura l-pertenenzi tal-Kuruna ghan-nom tal-Maesta Tieghu r-Re hareg Proklama nru. I tal-10 ta' Frar 1815, u dak nru. IV tas-27 ta' Marzu 1824, fejn intqal li "nessun termine di prescrizione di qualsiasi specie puo applicarsi alle pertinenze della Corona in queste Isole"; liema proklami gew konfermati in segwitu fl-art. 1879 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868* (illum l-Artikolu 2115 tal-Kodici Civili) *(ara Appell 30 ta' Marzu 2016 "Onorevoli Carmelo Pace Bardon ne. vs. Sacerdote Don Antonio Barbara ne." Vol. XXIII, Parte I, pag. 67);*

*Illi t-terminu "res" fic-citazzjoni ta' l-Istituzzjonijiet u tal-Kodici ghandu jkollu s-sens li taw lil dik il-kelma l-gurekonsulti rumani u cioe "Rei appellation et causae et jura continentur" (ara Ulpianus, L. 23 Dig. "De Verborum Signifcatione"), liema sens gie ccarat bl-art. 2220* (illum 2115) *tal-Kodici Civili fejn jinghad li l-preskrizzjoni ma tistax tigi opposta kontra d-drittijiet u l-azzjonijiet spettanti lill-Kuruna.*

*Illi, premess dan li ntqal fuq, jinghad li l-preskrizzjoni opposta mill-konvenut, kif hemm mahsub fl-art. 1070* (illum 1027) *tal-Kodici Civili, ma tistax tigi milqugha, minhabba t-tieni subsezzjoni ta' l-art. 2220* (illum 2115) *tal-Kodici Civili, l-ghaliex l-ebda wahda mill-eccezzjonijiet ghad-disposizzjoni "de quo" taht l-art. 2254, 2258, 2259, 2260 u 2261 (artikoli 2149, 2153, 2154, 2155 u 2156) tal-Kodici Civili ma tirrikorri biex tinnewtralizzaha. Jinghad in oltre li lanqas l-art. 2221* (illum 2116) *tal-Kodici Civili ma jista' jinghad li jidhol in operazzjoni biex joqtol dik il-preskrizzjoni; l-ghaliex l-art. 1070* (illum 1027) *tal-Kodici Civili, meta ddispona l-preskrizzjoni ta' l-indebitu, ghamel referenza ghad-disposizzjonijiet migjuba taht it-titolu dwar il-preskrizzjoni sabiex dik il-preskrizzjoni tkun tista' tinghad li waqghet, u f'dak it-titolu d-drittijiet u l-azzjonijiet tal-Kuruna ma jaqghux hlief fil-kazijiet hemm determinati, li ma jidholx tahthom il-kaz ta' dritt jew ta' azzjoni ta' indebitu tal-Kuruna. Meta, tabilhaqq, il-legislatur ried li l-preskrizzjoni jkollha effikacja kontra l-Kuruna, huwa qalu, bhal ma jidher mill-art. 2225(e)* (dak li kien l-artikolu 2149(e), li gie

abrogat bl-Att VIII tal-2007) *tal-Kodici Civili, u mill-art. 518(1)* (illum 481(1) *ta' l-istess Kodici.*

*Illi kwindi, di fronti ghad-disposizzjoni generali 2220(2)* (illum 2115(2)) *tal-Kodici Civili, u fin-nuqqas tal-fatt li l-legislatur, kif fejn ried ghamel hekk, ma segwiex l-istess metodu ta' eskluzjoni – liema metodu, skond l-ermenewtika legali, ghandu jigi interpretat fin-negattiv – l-eccezzjoni konvenuta ma tistax tigi milqugha;* (ara fl-istess sens is-sentenzi **Joseph Lungaro Mifsud noe vs. Albert Inguanez** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Frar 1964,[10] u **Avukat Generali vs. Av. Dr. Philip Sciberras et nomine** deciza fit-30 ta' Lulju 1979 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.[11]

Fid-dawl tal-insenjament tal-Qrati taghna suespost, din il-Qorti ma tarax kif l-eccezzjoni tal-konvenuti a bazi tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili tista' tigi milqugha.

*L-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 102(1) tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kapitolu 318)*

L-Artikolu 102(1) tal-Kapitolu 318 jippreskrivi hekk:

*"(1) Ħlief kif provdut fl-artikolu 98(3), b'seħħ mill-1 ta' April, 1978, kull persuna li tkun irċeviet xi somma bħala benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna taħt dan l-Att li ma kellhiex dritt għalih skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, għandha tħallas lura lid-Direttur is-somma li tkun hekk irċeviet, u d-Direttur għandu, mingħajr preġudizzju għal kull dritt ieħor li tagħtih il-liġi, jiġbor lura dik is-somma permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan:*

*Iżda, b'seħħ mis-6 ta' Jannar 1990 -*

*(i) meta dak il-ħlas żejjed iseħħ b'riżultat ta' nuqqas ta' stqarrija jew ta' preżentazzjoni ħażina ta' fatti materjali (sew jekk in-nuqqas ta' stqarrija jew preżentazzjoni ħażina kienu jew ma kienux bi frodi) ir-rata ta' ġbir lura permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni,*

[10] *Per* Imhallef E. Magri, Vol. XLVIII-II-812.
[11] *Per* Imhallef A. Rutter Giappone.

*allowance jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan għandu jiġi deċiż mid-Direttur iżda fl-ebda każ ma għandu jkun anqas mill-ekwivalenti ta' 10% tar-rata ta' benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan; u*

*(ii) meta dak il-ħlas żejjed iseħħ b'riżultat ta' xi eventwalità li ma tkunx waħda minn dawk imsemmija fil-paragrafu (i) ta' dan il-proviso, ir-rata ta' ġbir lura permezz ta' tnaqqis minn xi benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan għandu wkoll jiġi deċiż mid-Direttur iżda f'ebda każ ma għandu jkun aktar mill-ekwivalenti ta' 5% tar-rata ta' benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna li jkollha dritt għalihom wara dan, sakemm il-benefiċjarju jew il-pensjonant konċernat, skont kif ikun il-każ, jitlob illi rata ogħla ta' dak it-tnaqqis tiġi effettwata; iżda hekk illi fi kwalunkwe każ id-Direttur ma għandu jkollu ebda dritt li jagħmel kull tnaqqis bħal dak kif imsemmija f'dan il-paragrafu dwar ħlasijiet żejda, li jkunu saru qabel il-perijodu ta' sentejn qabel id-data li fiha d-Direttur ikun sar jaf b'dak il-ħlas żejjed irrispettivament mill-perijodu li għalih dak il-ħlas żejjed jirreferi: … …"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ma' hemmx dubbju li hemm distinzjoni netta bejn l-ipotezi kontemplati fl-Artikolu 102(1)(i) u dik kontemplata fl-Artikolu 102(1)(ii).

L-ipotezi kontemplata fl-Artikolu 102(1)(i) tikkontempla l-kaz meta il-ħlas żejjed iseħħ b'riżultat ta' nuqqas ta' stqarrija jew ta' preżentazzjoni ħażina ta' fatti materjali (sew jekk in-nuqqas ta' stqarrija jew preżentazzjoni ħażina kienu jew ma kienux bi frodi). F'dan il-kaz, l-Artikolu 102(1)(i) la jistipula ebda terminu biex id-Direttur jiehu azzjoni u lanqas ma jillimita d-dritt tad-Direttur li jitlob r-rifuzjoni ta' dak li hallas indebitament ghal xi perjodu partikolari. Konsegwentement, f'dan il-kaz, id-Direttur ghandu d-dritt li jitlob ir-rifuzjoni ta' l-ammont shih li huwa hallas indebitament lill-beneficjarju, irrispettivament minn kemm dan imur lura fi snin.

L-ipotesi kontemplata fl-Artikolu 102(1)(ii) tikkontempla l-kaz meta il-ħlas żejjed iseħħ b'riżultat ta' xi eventwalità li ma tkunx waħda minn dawk kontemplati fl-Artikolu 102(1)(ii) – ghalhekk ghal kazijiet fejn il-hlas zejjed ikun kagunat mhux minhabba nuqqas tal-beneficcjarju, izda ikun inholoq minn xi zball tad-dipartiment. F'dan il-kaz, id-dritt tad-Direttur jista' biss jitlob ir-rifuzjoni tal-hlasijiet li saru zejda sa' massimu ta' sentejn biss

qabel id-data li fiha d-Direttur ikun sar jaf b'dak il-ħlas żejjed, irrispettivament mill-perijodu li għalih dak il-ħlas żejjed jirreferi.

Kwindi, il-ligi hija cara li t-terminu ta' sentejn huwa marbut u japplika biss fic-cirkostanzi tal-Artikolu 102(1)(ii).

Konsegwentement, sabiex din il-Qorti tkun tista' tiddeciedi jekk hux applikabbli dan it-terminu ta' sentejn taht l-Artikolu 102(1), trid l-ewwel tiddeciedi jekk il-konvenuti irnexxielhom jippruvaw sal-grad tal-probabbli li l-fattispecje ta' dan il-kaz jaqghu taht l-Artikolu 102(1)(ii) u mhux taht l-Artikolu 102(1)(i) kif qed jissottometti d-Direttur appellat.

Il-konvenuti jissottomettu li mhux verosimili li missierhom Frank Bugeja ma avzax lid-Dipartiment meta mietet martu Maria Bugeja fit-18 ta' Awwissu 1984 u ma hemmx provi li jindikaw li m'ghamilx dan. Iz-zewg konvenuti jissottomettu li d-Direttur ma jistax jinheba wara l-iskuza li forsi Frank Bugeja ma avzax lid-Dipartiment direttament. Huma jargumentaw li l-Gvern hu wiehed u l-obbligu fuq Frank Bugeja bhala superstiti li jirregistra l-mewt ta' martu (li mietet Malta) zgur gie soddisfatt mad-dikasteru koncernat skond il-ligi. Huma jkomplu jargumentaw li jekk id-Direttur tar-Registru Pubbliku naqas li javza lid-Direttur tas-Servizzi Socjali zgur li mhux nuqqas ta' Frank Bugeja.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li l-konvenuti ma gabu l-ebda prova li l-mewt ta' mart Frank Bugeja giet registrata u wisq inqas li effettivament kien Frank Bugeja personalment li irregistra din il-mewt. Pero id-Direttur attur mhux qed jikkontesta li l-mewt taghha giet registrata mad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Fi kwalunkwe kaz, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss, kien Frank Bugeja personalment li irregistra l-mewt ta' martu, din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuti li d-Direttur tar-Registru Pubbliku kellu xi dover javza lid-Direttur attur, jew li d-Direttur attur kellu xi obbligu joqghod jaghmel ricerki perjodikament biex jivverifika jekk kienx hemm xi bdil fic-cirkostanzi ta' Frank Bugeja, li jinnecessitaw revizjoni tal-pensjoni tieghu.

L-Artikolu 97(1) tal-Kapitolu 318 jippreskrivi hekk:

*"(1) Tkun kundizzjoni tal-jedd ta' xi persuna għal xi benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna mogħtija taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li –*

*(a) tagħmel talba għaliha fuq il-formola uffiċjali tad-Dipartiment għal dak il-benefiċċju, pensjoni, allowance, għotja għal korriment jew għajnuna … …*

(b) *tipproduċi dawk iċ-ċertifikati, dokumenti, informazzjoni u xiehda għall-fini li jiġi stabbilit il-jedd tagħha għal dak il-benefiċċju, pensjoni, allowance, għotja għal korriment jew għajnuna li d-Direttur jista', minn żmien għal żmien, jeħtieġ u għal dak il-għan tmur f'dak l-uffiċċju jew post kif id-Direttur jista' jistabbilixxi."*

Kwindi huwa l-obbligu tal-beneficjarju li jinforma lid-Direttur attur bi bdil fic-cirkostanzi, li jistghu jaffettwaw l-ammont ta' beneficcju socjali li jkun qed jircievi.[12] Inoltre, mix-xhieda mhux kontradetta ta' Adrian Attard, rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, fl-ittra li Frank Bugeja kien ircieva mid-Dipartiment, fejn gie infurmat li t-talba tieghu ghall-pensjoni kienet giet approvata, kien hemm twissija li jekk ikun hemm bdil fic-cirkostanzi, inkluz il-mewt tal-mara tieghu, hu kien obbligat li jinforma lid-Dipartiment. Ghalhekk, kien l-obbligu ta' Frank Bugeja li jinforma lid-Direttur attur li martu kienet mietet, sabiex dan ikun jista' jirrevendi l-pensjoni tieghu minn wahda ta' ragel mizzewweg ghal wahda ta' persuna wahedha.

Rigward is-sottomissjoni tal-konvenuti li ma hemmx prova li Frank Bugeja ma infurmax lid-dipartiment bil-mewt ta' martu, fl-ewwel lok il-Qorti tirreferi ghax-xhieda ta' Adrian Attard, li mill-file tad-Dipartiment ma irrizultalux li Frank Bugeja kien informa lid-Dipartiment bil-mewt ta' martu, u d-Dipartiment induna li din kienet mietet, wara li kien miet l-istess Frank Bugeja. Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva li z-zewg konvenuti xehedu li missierhom kien bniedem fitt f'xogholu u jhobb jaghmel l-affarijiet sew. *Dato ma non concesso* li Frank Bugeja kien informa lid-dipartiment bil-mewt ta' martu u ghal xi raguni din ma gietx registrata fil-file tieghu, mhux kontestat li l-pensjoni ta' Frank Bugeja qatt ma tnaqqset wara l-mewt ta' martu sakemm miet iktar minn hdax (11)-il sena wara li mietet hi. Dan il-fatt, kellu jindika lil Frank Bugeja li d-Dipartiment ma kienx jaf bil-mewt ta' martu, ghaliex li kieku kien inaqqaslu il-pensjoni ghar-rata ta' persuna wahedha, u allura kien l-obbligu tal-

[12] Ara s-sentenza **Tonio von Brockdorff vs Direttur tas-Sigurta Socjali** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) (*Per* Imallef Gino Camilleri) fis-27 ta' Gunju 2014.

istess Frank Bugeja li jerga' jmur javza lid-Dipartiment bil-mewt ta' martu, biex ir-rata ta' pensjoni tieghu tigi riveduta skond il-ligi.

Mill-konsiderazzjoni suesposti, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti huwa car li fil-kaz odjern, huwa applikabbli l-Artikolu 102(1)(i) stante li Frank Bugeja kien obbligat legalment li jinforma lid-Dipartiment bil-bdil ta' fatti materjali fic-cirkostanzi tieghu, senjatament bil-mewt ta' martu, u l-hlas zejjed inholoq konsegwenza diretta ta' dan in-nuqqas, b'rizultat li Frank Bugeja baqa' jithallas il-pensjoni b'rata ta' persuna mizzewwga sakemm miet. Kif jippreskrivi l-Artikolu 102(1)(i) stess, huwa irrilevanti ghall-applikabbilita ta' dan l-artikolu, jekk dan in-nuqqas sarx bl-intenzjoni li jiffroda lid-dipartiment jew le.

Konsegwentement, it-terminu ta' sentejn preskritt fl-Artikolu 102(1)(ii) tal-Kapitolu 318 mhux applikabbli ghall-fattispecje tal-kaz odjern.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1027 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ai termini tal-Artikolu 102(1) tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta, sollevati fl-ewwel eccezzjoni moghtija mill-konvenuta Mary Rose Bonello u fl-ewwel eccezzjoni moghtija mill-konvenut John Bugeja u fir-raba' eccezzjoni tal-istess John Bugeja, in kwantu huwa assocja ruhu mal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Mary Rose Bonello, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi.

**Maġistrat**

**Alan Zerafa**
**Deputat Reġistratur**